MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2012

Numru. 1038/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR FRANKIE SAMMUT**
**VS**
**CLAUDIENNE GALEA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Claudienne Galea ta’ 35 sena, bint Carmelo u Ursula nee’ Borg, mwielda Pieta’ nhar it- 3 ta’ Lulju 1977, residenti 20, Claudrian, Trejqet Francesco Chircop, Kalkara u detentrici tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 339377M ;

Talli ;

1) fil- lejl ta’ 12 ta’ Mejju 2012 u jew fil- granet ta’ qabel din id- data fl- inhawi ta’ Marsascala b’ mezzi kontra l- ligi, jew billi ghamlet uzu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki

foloz, jew billi nqdiet b’ qerq iehor, ingann jew billi wriet haga b’ ohra sabiex igieghel jitwemmen l- ezistenza ta’ intrapizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, ghamel qliegh ta’ €250.24 ghad-dannu ta’ Maria Hammett u tal- BOV;

2) aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi f’ dawn il- Gzejjer bi hsara ta’ haddiehor, ghamlet qliegh iehor b’ qerq ghad- dannu ta’ Maria Hammet u tal- BOV;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’din il-kawza, wara li l-Qorti tatha zmien xieraq skond il-ligi sabiex tikkonsidra sew l-ammissjoni taghha, u wara li l-Qorti wissietha bl-aktar mod solenni dwar il-konsekwenzi tal-istess ammissjoni taghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

Rat illi l-imputata hallset l-ammont li hi serqet lil Maria Hammet, qabel ma ttiehdu dawn il-proceduri;

**Ikkonsidrat:**

Wara li rat l-Artikoli 308 u 309 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputata hatja u ghaldaqstant tilliberaha bil- kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sena ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------